

# Qalb tad-Deheb

Maria Grima

Waqt li jien kont qiegħda nqalleb
Qalb il-kotba f'librerija,
Sibt dil-ġrajja li laqtitni
U sawwartha f'poeżija.

Dal-fatt juri kemm il-bniedem
Jista' jkollu qalb ħażina,
Hekk ukoll mill-estrem l-ieħor
Tista' tkun bil-wisq ħanina.

F'dil-ġrajja tispikka l-maħfra
Ħaġa li l-qalb ma tifhimhiex,
Għax l-istint ta' ġo fik jgħidlek
Il-ħsara, int la taħfirhiex.

Ġewwa Franza kien hemm koppja
Nobbli, għanja u magħrufin,
Ir-raġel Jean-Pierre kien jismu
U s-sbejħa martu Josephine.

Dawna kellhom iben wieħed
Lilu Andrè kienu semmewh,
Huwa kien l-għaxqa ta' qalbhom
Bl-akbar għożża kienu rabbewh.

Lil Gilber b'qaddej dawn kellhom
Li kienu tant jirrispettawh,
W għalkemm kien il-qaddej tagħhom
Bħal binhom stess kienu jistmawh.

Dan Gilber min-naħa tiegħu
Imħabbtu kien lilhom juri,
Jistmahom kien, għax għalih kienu
Żgur l-akbar benefatturi.

Kienu jgħixu f'armonija
Żgur li ma kien jonqoshom xejn,
Qatt ma ħasbu, qatt ma bassru
Liema gwaj għalihom kien ġej!

Issa ż-żmien kien għadda ġmielu
U t-tifel tagħhom sar żagħżugħ,
Faqqgħet ir-rivoluzzjoni
W għat-taqbid lil Andrè ħaduh.

F'dat-taqlib u t-taħwid kollu
B'aħbar binhom ma sema' ħadd,
B'għafsa kbira ġewwa qalbhom
Lil Andrè iżjed ma raw qatt.

Tistgħu taħsbu x'baqa' fihom
'L Andrè iżjed mhux sa jaraw,
Lil Gilber issa fadlilhom
Għalhekk ġidhom f'idejh fis fdaw.

B'dak il-hemm li waqa' fuqhom
B'dak pajjiżhom hekk mifni sew,
Mill-belt tagħhom fil-pront ħarbu
U fil-kampanja marru nħbew.

Dan Gilber baqa' jaqdihom
U jġibilhom il-ħtiġijiet,
Iżda mhux iżjed bl-imħabba
Għaliex taqbida f'qalbu bdiet!

It-tlellix u l-ġid tad-dinja
Lil dan il-bniedem dlonk għamewh,
Nesa l-ġid li għamlu miegħu
Nesa wkoll kemm kienu ħabbewh.

Fir-rewwixta hu ġie mdaħħal
Sabiex jagħmilha tal-ispjun,
Ta' Jean-Pierre, ukoll ta' martu
L-akbar traditur kellu jkun.

Billi hu kien jaf fejn marru,
Ukoll fejn kienu moħbijin
Bla ma nigżitu l-kuxjenza
Lilhom mar kixef imsejknin.

U hekk wasal it-tmiem tagħhom
Flimkien it-tnejn ġew maqtulin,
Fost biża', niket, tbatija
Minn dal-qaddej sfaw meqrudin.

Kif appena t-taqbid spiċċa
Dat-traditur kien wisq ħerqan,
Biex igawdi dak li wiret
Ħaseb li wisq sa jkun ferħan.

Iżda ħsiebu ferm għarralu
Għax serjament safa marid,
U xħin wasal fi tmiem ħajtu
Wera fis li qassis irid.

Saċerdot fil-pront ġabulu
Sabiex jistqarr dawk il-ħtijiet,
Li sa dak il-mument żammhom
Misturin f'qalbu, hemm fis-skiet.

Lill-qassis qallu l-istorja
Urieh ukoll dak ir-ritratt,
Ta' dawk iż-żewġ nobbli msejkna
Il-vittmi ta' dal-kiefer fatt!

Il-qassis dlonk lilhom għaraf
Id-dmugħ qabeż minn xfar għajnejh,
B'Kurċifiss f'idejh jirtgħodu
Imbikkem waqa' għarkupptejh.

Dun Andrè b'qalbu maqsuma
Niket kbir fis beda juri,
Bi tbatija 'l Gilber qallu
"Dawn tiegħi, il-ġenituri".

Gilber qallu, "Ivvendikani
Isa, malajr la titlifx ħin,
Għax t'ommok u ta' missierek
Jien huwa l-kiefer assassin".

Il-qassis għannqu ma' sidru
Bid-dmugħ iġelben ma' ħaddejh,
B'qalb hekk kbira, b'qalb ferm nobbli
Idu fil-pront, żammlu f'idejh.

Qallu, "Ibni taqtax qalbek
Kristu ħafer minn fuq salib,
Hekk ukoll jiena naħfirlek
Fil-Paċi Tiegħu, mur ħabib."

